# DIRETTIVA 2006/32/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-5 ta' April 2006

## dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2])

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Fil-Komunità hemm bżonn li jittejbu l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija, l-immaniġġar tad-domanda għall-enerġija u l-promozzjoni tal-produzzjoni ta' l-enerġija rinovabbli, peress li hemm skop relattivament limitat għal kwalunkwe influwenza oħra fuq il-kundizzjonijiet ta' provista u distribuzzjoni ta' enerġija f'terminu ta' żmien qasir jew medju, kemm permezz tal-bini ta' kapaċitajiet ġodda kif ukoll permezz ta' titjib fit-trażmissjoni u fid-distribuzzjoni. Għalhekk din id-Direttiva tikkontribwixxi għal titjib fis-sigurtà tal-provista.

(2) Titjib fl-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis fil-konsum ta' l-enerġija primarja u għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' gassijiet serra oħra, u b'hekk għall-prevenzjoni ta' bidla klimatika perikoluża. Dawn l-emissjonijiet b'hekk ikomplu jiżdiedu, u jagħmluha iktar u iktar diffiċli li jitwettqu l-impenji ta' Kyoto. L-attivitajiet umani attribwiti lis-settur ta' l-enerġija jikkawżaw sa 78 % ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Komunità. Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità, stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), jipprevedi li hemm bżonn ta' iktar tnaqqis sabiex jintlaħaq l-objettiv fuq żmien twil tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla Klimatika sabiex jiġu stabbilizzati l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera fuq livell li jimpedixxi interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema klimatika. Għalhekk, huma meħtieġa politika u miżuri konkreti.

(3) L-effiċjenza imtejba ta' l-użu finali ta' l-enerġija se tagħmilha possibbli li jiġi sfruttat l-iffrankar ta' l-enerġija potenzjalment effettiva meta mqabbel man-nefqa b'mod li jkun ekonomikament effiċjenti. Miżuri għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija jistgħu jwasslu għal dan l-iffrankar ta' l-enerġija u b'hekk jgħinu lill-Komunità biex tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni ta' l-enerġija. Barra minn hekk, pass lejn teknoloġiji aktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija jista' jqawwi l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Komunità kif enfasizzat fl-istrateġija ta' Liżbona.

(4) Il-Komunikazzjoni mil-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi tal-Program Ewropew dwar il-Bdil fil-Klima elenkat direttiva dwar l-immaniġġar tad-domanda għall-enerġija bħala waħda mill-miżuri prijoritarji tal-bidla klimatika li għandhom jittieħdu fuq livell Komunitarju.

(5) Din id-Direttiva hija konsistenti mad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku ([5]) u mad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali ([6]), li jipprovdu l-possibiltà li l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-immaniġġar tad-domanda jintużaw bħala alternattivi għal provista ġdida u għall-protezzjoni ambjentali, filwaqt li jippermettu lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, fost affarijiet oħra, li jagħmlu sejħa għall-offerti ta' kapaċità ġdida jew li jagħżlu miżuri ta' effiċjenza ta' l-enerġija u miżuri li jagħtu każ tad-domanda, inklużi sistemi għal ċertifikati bojod.

([1]) ĠU C 120, 20.5.2005, p. 115.

([2]) ĠU C 318, 22.12.2004, p. 19.

([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2005 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2005 (ĠU C 275 E, 8.11.2005, p. 19) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2005 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2006.

([4]) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

([5]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37. Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/85/KE (ĠU L 236, 7.7.2004, p. 10).

([6]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.

(6) Din id-Direttiva hija bla preġudizzju għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/54/KE, li tesiġi li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi domestiċi kollha u, fejn l-Istati Membri jqisu xieraq, l-intrapriżi żgħar, igawdu minn servizz universali, jiġifieri d-dritt li jiġu provduti b'elettriku ta' kwalità speċifikata fit-territorju tagħhom bi prezzijiet raġonevoli, faċilment komparabbli u ċari u trasparenti.

(7) Għalhekk l-għan ta' din id-Direttiva mhux biss li titkompla l-promozzjoni tan-naħa ta' provista tas-servizzi ta' l-enerġija, iżda wkoll li jinħolqu inċentivi aktar b'saħħithom għan-naħa tad-domanda. Is-settur pubbliku f'kull Stat Membru għandu għalhekk jagħti eżempju tajjeb rigward investimenti, manutenzjoni u spejjeż oħra għal apparat li juża l-enerġija, servizzi ta' l-enerġija u miżuri oħra ta' titjib fl-effiċjenza ta' enerġija. Għalhekk, is-settur pubbliku jrid ikun imħeġġeġ biex jintegra konsiderazzjonijiet ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija fl-investimenti tagħhom, fil-provvedimenti għad-deprezzament u fil-baġit tat-tħaddim. Apparti minn hekk, is-settur pubbliku għandu jfittex li juża kriterji ta' effiċjenza ta' enerġija fil-proċeduri li joffru akkwist pubbliku, prattika aċċettata taħt id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali ([1]), u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi ([2]), ta' kuntratti għal provisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi, li l-prinċipju tagħhom ġie kkonfermat mid-Deċiżjoni tas-17 ta' Settembru 2002 tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea f'Każ C-513/99 ([3]). Minħabba l-fatt li strutturi amministrattivi jvarjaw sew bejn l-Istati Membri, it-tipi differenti ta' miżuri li s-settur pubbliku jista' jieħu għandhom jittieħdu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u/jew lokali xierqa.

(8) Hemm varjetà kbira ta' modi li bihom is-settur pubbliku jista' jwettaq ir-rwol eżemplari tiegħu: apparti l-miżuri applikabbli elenkati fl-Anness III u VI, is-settur pubbliku jista', per eżempju, jibda proġetti pilota ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u jistimula mġieba b'effiċjenza ta' l-enerġija tal-ħaddiema. Sabiex jintlaħaq l-effett mixtieq li jitkattar, numru ta' azzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu komunikati b'mod effettiv lil ċittadini individwali u/jew lil kumpanniji, filwaqt li jinħoloq enfasi fuq il-benefiċċji ta' l-ispejjeż.

(9) Il-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-bejgħ għall-konsumaturi finali ta' l-elettriku, tal-gass naturali, tal-faħam u tal-*lignite*, tat-tisħin, u f'xi każi anke tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, wassal kważi esklussivament għal titjib fl-effiċjenza u għal inqas spejjeż fil-ġenerazzjoni, fit-trasformazzjoni u fid-distribuzzjoni ta' l-enerġija. Din il-liberalizzazzjoni ma waslitx għal kompetizzjoni sinifikanti ta' prodotti u servizzi li setgħet irriżultat f'effiċjenza mtejba min-naħa tad-domanda.

(10) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Diċembru 1998, dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-Komunità Ewropea ([4]), il-Kunsill approva mira għall-Komunità b'mod ġenerali biex tittejjeb l-intensità ta' l-enerġija tal-konsum finali b'żieda ta' wieħed fil-mija sas-sena 2010.

(11) L-Istati Membri għalhekk għandhom jadottaw miri indikattivi nazzjonali biex jippromwovu l-effiċjenza ta' l-enerġija fl-użu finali u jiżguraw li s-suq tas-servizzi ta' l-enerġija jkompli jikber u jkun vijabbli u b'hekk jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Liżbona. L-adozzjoni ta' miri indikattivi nazzjonali għall-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija tipprovdi sinerġija effettiva ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità li, meta tkun applikata, se tikkontribwixxi għall-kisba ta' dawk il-miri nazzjonali.

(12) Din id-Direttiva teħtieġ li tittieħed azzjoni mill-Istati Membri, fejn it-twettiq ta' l-objettivi jiddependi mill-effetti li tali azzjonijiet ikollhom fuq il-konsumaturi finali ta' l-enerġija. Ir-riżultat finali ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri għalhekk jiddependu fuq ħafna fatturi esterni li jinfluwenzaw l-imġieba tal-konsumaturi fir-rigward ta' l-użu tagħhom ta' l-enerġija u d-disponibiltà tagħhom li jimplimentaw metodi għall-iffrankar ta' l-enerġija u li jużaw strumenti għall-iffrankar ta' l-enerġija. Għalhekk, għalkemm l-Istati Membri jintrabtu li jwettqu sforzi sabiex jiksbu l-mira ta' 9 %, il-mira ta' l-iffrankar ta' l-enerġija nazzjonali hija minnha nnifisha indikattiva u ma tinvolvi l-ebda obbligu legali esegwibbli sabiex l-Istati Membri jiksbuha.

(13) Fl-għan biex jintlaħqu l-miri indikattivi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jgħollu l-miri tagħhom għal iżjed minn 9 %.

(14) It-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija se jgawdi mill-iskambju ta' informazzjoni, ta' esperjenza u ta' l-aħjar prattika fil-livelli kollha, inklużi, b'mod partikolari, is-settur pubbliku. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jelenkaw il-miżuri meħuda fil-kuntest ta' din id-Direttiva, u jirrevedu l-effetti tagħhom fil-pjanijiet ta' azzjoni għall-effiċjenza ta' l-enerġija sa fejn ikun possibbli.

(15) Waqt li jsir għalmu għall-kisba ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija permezz ta' bidliet teknoloġiċi, fl-imġieba u/jew ekonomiċi, għandu jkun evitat li jkun hemm impatt negattiv sostanzjali fuq l-ambjent, u l-prioritajiet soċjali jridu jkunu rispettati.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005 (ĠU L 333, 20.12.2005, p. 28).

([2]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2083/2005.

([3]) C-513/99: Concordia Bus Finland Oy Ab, li kienet Stagecoach Finland Oy Ab v Hlelsingin kaupunki u HKL-Bussiliikenne (2002) ECR I-7213).

([4]) ĠU C 394, 17.12.1998, p. 1.

(16) Il-finanzjament tal-provista u l-ispejjeż min-naħa tat-talba għandhom irwol importanti fis-servizzi ta' l-enerġija. Il-ħolqien ta' fondi biex tiġi ssussidjata l-implimentazzjoni tal-programmi għall-effiċjenza ta' l-enerġija u miżuri oħra għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija u biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' suq għal servizzi ta' enerġija jista' jkun għodda xierqa għall-għoti mhux diskriminatorju ta' fondi inizjali f'dan is-suq.

(17) Effiċjenza mtejba ta' l-użu finali ta' l-enerġija tista' tinkiseb billi tiżdied id-disponibbiltà u d-domanda għal servizzi ta' l-enerġija jew permezz ta' miżuri oħra ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija.

(18) Sabiex jintlaħaq il-potenzjal fl-iffrankar ta' l-enerġija f'ċerti partijiet tas-suq fejn il-verifiki ta' l-enerġija mhumiex ġeneralment mibjugħa kummerċjalment, bħal fid-djar, l-Istati Membri jridu jiżguraw id-disponibbiltà ta' verifiki ta' l-enerġija.

(19) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2000 jelenkaw il-promozzjoni ta' servizzi ta' enerġija permezz ta' l-iżvilupp ta' strateġija Komunitarja bħala qasam ta' prijorità għal azzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija.

(20) Id-distributuri ta' l-enerġija, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u l-kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut jistgħu jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-Komunità jekk is-servizzi ta' l-enerġija li huma jikkummerċjalizzaw jinkludu l-effiċjenza fl-użu finali bħall-kumdità tat-temperatura ta' ġewwa, l-ilma sħun domestiku, ir-refriġerazzjoni, il-fabbrikazzjoni ta' prodotti, id-dawl u l-*motive power*. It-tkabbir tal-profitti għad-distributuri ta' l-enerġija, għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u għall-kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut ikun b'hekk marbut aktar mill-qrib mal-bejgħ ta' servizzi ta' l-enerġija lil kemm jista' jkun konsumaturi minflok il-bejgħ ta' kemm jista' jkun enerġija lil kull konsumatur. L-Istati Membri għandhom ifittxu li jevitaw kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dan il-qasam, sabiex jiġi garantit livell wieħed li fih jaħdmu l-fornituri kollha tas-servizzi ta' enerġija; huma jistgħu, madankollu, jiddelegaw din il-ħidma lir-regolatur nazzjonali.

(21) Sabiex tiġi kkunsidrata bi sħiħ l-organizzazzjoni nazzjonali ta' l-atturi tas-suq fis-settur ta' l-enerġija u sabiex tiffavorixxi l-implimentazzjoni tas-servizzi ta' enerġija u l-miżuri għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija previsti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jobbligaw lid-distributuri ta' l-enerġija, lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jew lill-kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut jew, fejn xieraq, lil tnejn jew lil kull wieħed minn dawn l-atturi tas-suq, li jipprovdu dawn is-servizzi u li jipparteċipaw f'dawn il-miżuri.

(22) L-użu ta' arranġamenti ta' finanzjament ma' partijiet terzi hija prattika innovattiva li għandha tiġi mħeġġa. F'dawn, il-benefiċjarju jevita l-ispejjeż ta' l-investiment billi juża parti mill-valur finanzjarju ta' l-iffrankar ta' l-enerġija li jirriżulta mill-investiment tal-parti terza biex iħallas lura l-investiment u l-ispejjeż ta' imgħax lill-parti terza.

(23) Sabiex it-tariffi u r-regolamenti l-oħra għall-enerġija firrettikolat jwasslu iktar għall-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija, inċentivi li jwasslu għal żieda fil-volum ta' l-enerġija u li ma jistgħux jiġu ġustifikati għandhom jitneħħew.

(24) Il-promozzjoni tas-suq għas-servizzi ta' l-enerġija tista' tintlaħaq b'numru ta' mezzi, inklużi dawk mhux finanzjarji.

(25) Is-servizzi ta' l-enerġija, il-programmi ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija u miżuri oħra ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija li jiddaħħlu fis-seħħ sabiex tintlaħaq il-mira ta' l-iffrankar ta' l-enerġija jistgħu jiġu sostnuti u/jew implimentati permezz ta' ftehim voluntarji bejn il-partijiet konċernati u l-korpi fis-settur pubbliku maħtura mill-Istati Membri.

(26) Il-ftehimiet volontarji li huma koperti minn din id-Direttiva għandhom ikunu trasparenti u jkollhom, fejn hu applikabbli, informazzjoni dwar għall-inqas dawn il-kwistjonijiet li ġejjin: oġġettivi kwantifikati u fi stadji, monitoraġġ u rappurtar.

(27) Is-setturi tal-fjuwil tal-magni u tat-trasport għandhom irwol importanti xi jwettqu rigward l-effiċjenza u l-iffrankar ta' l-enerġija.

(28) Fid-definizzjoni ta' miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija, għandu jittieħed kont ta' żidiet fl-effiċjenza miksuba permezz ta' l-użu ġenerali ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi li huma effettivi meta mqabbla man-nefqa, per eżempju l-kejl elettroniku. Fil-kuntest ta' din id-Direttiva, miters individwali bi prezz kompetittiv jinkludu miters ta' preċiżjoni li jkejlu s-sħana.

(29) Sabiex il-konsumaturi finali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni aħjar rigward il-konsum individwali tagħhom ta' l-enerġija, iridu jkunu provduti b'ammont raġonevoli ta' informazzjoni dwaru u ta' informazzjoni relevanti oħra, bħal informazzjoni dwar il-miżuri disponibli għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija, deskrizzjonijiet komparattivi dwar il-konsumatur finali jew speċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għal tagħmir li juża l-enerġija, li jista' jinkludi tagħmir bbażat fuq il-"Factor Four" jew tagħmir simili. Huwa mfakkar li informazzjoni importanti bħal din għandha diġà tkun disponibbli għall-konsumaturi finali skond l-Artikolu 3 (6) tad-Direttiva 2003/54/KE. Apparti minn hekk, il-konsumaturi għandhom jiġu mħeġġa b'mod attiv biex jiċċekkjaw regolarment il-qari tal-miter tagħhom.

(30) Kull tip ta' informazzjoni rigward l-effiċjenza ta' l-enerġija għandha tinxtered sew, f'forma xierqa, inkluż permezz tal-kontijiet, lill-udjenza rilevanti li hija mmirata għaliha. Din tista' tinkludi informazzjoni dwar l-oqfsa finanzjarji u legali, dwar il-kampanji għall-komunikazzjoni u l-promozzjoni, u l-iskambju mifrux ta' l-aħjar prattika fil-livelli kollha.

(31) Bl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, kull dispożizzjoni sostantiva tad-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 biex jiġu limitati l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju permezz tat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija (SAVE) ([1]), hija koperta minn leġiżlazzjoni Komunitarja oħra u għalhekk id-Direttiva 93/76/KEE għandha titħassar.

(32) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-promozzjoni ta' effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u l-iżvilupp ta' suq għas-servizzi ta' l-enerġija ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjaretà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(33) Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([2]).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

### *Artikolu 1*

### Għan

L-għan ta' din id-Direttiva hu li tixpruna t-titjib effettiv meta mqabbel man-nefqa ta' l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija fl-Istati Membri billi:

(a) tipprovdi l-miri indikattivi neċessarji kif ukoll il-mekkaniżmi, l-inċentivi u l-oqfsa istituzzjonali, finanzjarji u legali neċessarji biex jitneħħew ostakoli tas-suq u imperfezzjonijiet eżistenti li jimpedixxi l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija;

(b) toħloq il-kundizzjonijiet għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' suq għas-servizzi ta' l-enerġija u għat-twassil ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija lill-konsumaturi finali.

([1]) ĠU L 237, 22.9.1993, p. 28.

([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

### *Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

(a) fornituri ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, distributuri ta' l-enerġija, operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu distributuri żgħar, operaturi żgħar tas-sistemi ta' distribuzzjoni u kumpanniji żgħar tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut mill-applikazzjoni ta' l-Artikoli 6 u 13;

(b) konsumaturi finali. Madankollu din id-Direttiva ma tapplikax għal dawk l-impriżi involuti fil-kategoriji ta' attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità ([3]);

(ċ) forzi armati, biss safejn l-applikazzjoni tagħha ma tikkawżax kunflitt man-natura u l-għan prinċipali ta' l-attivitajiet tal-forzi armati u bl-eċċezzjoni ta' materjal użat esklużivament għall-finijiet militari.

### *Artikolu 3*

### Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "enerġija": il-forom kollha ta' l-enerġija disponibbli kummerċjalment, inklużi l-elettriku, il-gass naturali (inkluż gass naturali f'forma likwida u gass likwidu tal-petroleum), kwalunkwe karburant għat-tisħin u tkessiħ (inklużi it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali), faħam u *lignite*, *peat*, karburant għat-trasport (minbarra karburant għall-avjazzjoni u karburant marittimu tal-bunker) u l-bio-massa kif definita fid-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku ([4]);

(b) "effiċjenza ta' l-enerġija": il-proporzjon bejn l-*output* tal-prestazzjoni, servizz, merkanzija jew enerġija u l-*input* ta' l-enerġija;

([3]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2004/101/KE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18).

([4]) ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33. Direttiva kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni, 2003.

(ċ) "titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija": żieda ta' l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija, b'riżultat ta' bidliet teknoloġiċi, fl-imġieba u/jew ekonomiċi;

(d) "frankar ta' l-enerġija": ammont ta' enerġija frankati stabbilita billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum ta' l-enerġija qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura waħda jew aktar li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum ta' l-enerġija;

(e) "servizz ta' enerġija": il-benefiċċju fiżiku, l-utilità jew il-vantaġġ li jirriżultaw minn taħlita ta' enerġija ma' teknoloġija effiċjenti fl-enerġija, u/jew ma' azzjoni li tista' tinkludi l-operazzjonijiet, il-manutenzjoni u l-kontroll neċessarju għat-twassil tas-servizz, li jkun imwassal abbażi ta' kuntratt u li f'ċirkustanzi normali wera li jwassal għal titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija li jista' jiġi verifikat u mkejjel jew stmat u/jew għal frankar ta' enerġija primarja;

(f) "mekkaniżmi ta' effiċjenza ta' l-enerġija": strumenti ġenerali użati minn gvernijiet jew minn korpi tal-gvern sabiex jinħoloq qafas ta' sostenn jew inċentivi sabiex l-atturi fis-suq jipprovdu u jixtru servizzi ta' enerġija u miżuri oħrajn għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija;

(g) "programmi għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija": attivitajiet li jiffokaw fuq gruppi ta' konsumaturi finali u li normalment iwasslu għal titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija li jista' jiġi verifikat u mkejjel jew stmat;

(h) "miżuri għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija": l-azzjonijiet kollha li normalment iwasslu għal titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija li jista' jiġi verifikat u mkejjel jew stmat;

(i) "kumpannija ta' servizz ta' enerġija" (ESCO): persuna fiżika jew ġuridika li twassal servizzi ta' enerġija u/jew miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-faċilità jew fis-sit ta' utent, u waqt li tagħmel hekk taċċetta xi grad ta' riskju finanzjarju. Il-ħlas għas-servizzi mwassla ikun ibbażat (jew għal kollox jew in parte) fuq il-kisba ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija u fuq it-twettiq ta' kriterji oħra miftiehma dwar il-prestazzjoni;

(j) "ikkuntrattar għall-prestazzjoni ta' l-enerġija": arranġament kuntrattwali bejn il-benefiċċjarju u l-fornitur (normalment ikun ESCO) ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija, fejn il-ħlas għall-investimenti f'dawk il-miżuri isir b'relazzjoni għal livell ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija miftiehem kuntrattwalment;

(k) "finanzjar minn parti terza": arranġament kuntrattwali li jinvolvi parti terza – minbarra l-fornitur ta' l-enerġija u l-benefiċċjarju tal-miżura li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija – li jipprovdi l-kapital għal dik il-miżura u jitlob miżata mingħand il-benefiċċjarju ekwivalenti għal parti mill-iffrankar ta' l-enerġija miksuba bħala riżultat tal-miżura li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija. Dik il-parti terza tista' tkun jew ma tkunx ESCO;

(l) "verifika ta' l-enerġija": proċedura sistematika biex jinkiseb għarfien adegwat tal-profil tal-konsum eżistenti ta' enerġija ta' bini jew ta' grupp ta' bini, ta' operazzjoni industrijali u/jew ta' stallazzjoni jew ta' servizz privat jew pubbliku, li tidentifika u jikkwantifika l-opportunitajiet effettivi meta mqabbla man-nefqa ta' frankar ta' enerġija, u li tirrapporta s-sejbiet;

(m) "strumenti finanzjarji għall-iffrankar ta' l-enerġija": l-istrumenti finanzjarji kollha bħal fondi, sussidji, tnaqqis ta' taxxa, self, iffinanzjar minn persuni terzi, ikkuntrattar għall-prestazzjoni ta' l-enerġija, garanzija ta' kuntratti ta' frankar ta' enerġija, *outsourcing* ta' l-enerġija u kuntratti oħra relatati li jintgħamlu disponibbli għas-suq minn korpi pubbliċi jew privati sabiex ikopru parzjalment jew għal kollox l-ispiża tal-bidu tal- proġett għall-implimentazzjoni tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija;

(n) "konsumatur finali": persuna fiżika jew ġuridika li tixtri l-enerġija għall-użu finali tagħha;

(o) "distributur ta' l-enerġija": persuna fiżika jew ġuridika li hija responsabbli għat-trasport ta' l-enerġija, bil-għan li titwassal lil konsumaturi finali jew lil stazzjonijiet ta' distribuzzjoni li jbiegħu l-enerġija lil konsumaturi finali. Din id-definizzjoni teskludi l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni ta' l-elettriku u tal-gass naturali, koperti minn punt (p);

(p) "operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni": persuna fiżika jew ġuridika responsabbli tal-manutenzjoni, u jekk ikun hemm bżonn, l-iżvilupp tas-sistema ta' distribuzzjoni ta' l-elettriku jew tal-gass naturali f'qasam speċifiku, u fejn ikun applikabbli, l-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħrajn, u responsabbli li tiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema li tissodisfa d-domandi raġonevoli għad-distribuzzjoni ta' l-elettriku jew tal-gass naturali;

(q) "kumpannija tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut": persuna fiżika jew ġuridika li tbiegħ l-enerġija lil konsumaturi finali;

(r) "distributur żgħir, operatur żgħir ta' sistema ta' distribuzzjoni u kumpannija żgħira li tbiegħ l-enerġija": persuna fiżika jew ġuridika li tiddistribwixxi jew tbiegħ l-enerġija lil konsumaturi finali, u li tiddistribwixxi jew tbiegħ inqas mill-ekwivalenti ta' 75 GWh ta' enerġija fis-sena jew li timpjega inqas minn 10 persuni jew li l-valur tal-bejgħ annwali u/jew it-total tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma jeċċedix EUR 2 000 000;

(s) "ċertifikati bojod": ċertifikati maħruġa minn korpi indipendenti ta' ċertifikazzjoni li jikkonfermaw id-dikjarazzjonijiet dwar l-iffrankar ta' l-enerġija ta' l-atturi fis-suq, bħala konsegwenza ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija.

KAPITOLU II

## MIRI GĦALL-IFFRANKAR TA' L-ENERĠIJA

*Artikolu 4*

### Mira ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipprovaw jiksbu mira indikattiva nazzjonali totali ta' frankar ta' l-enerġija ta' 9 % għad-disa' sena ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li għandha tinkiseb permezz ta' servizzi ta' enerġija u miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ekonomikament effettivi, pratikabbli u raġonevoli intiżi sabiex jikkontribwixxu għall-kisba ta' din il-mira.

Din il-mira indikattiva nazzjonali ta' frankar għandha tiġi stabbilita u kkalkulata skond id-dispożizzjonijiet u l-metodoloġija stabbiliti fl-Anness I. Għall-finijiet ta' tqabbil ta' l-iffrankar ta' l-enerġija u għal konversjoni għal unità komparabbli, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness II għandhom japplikaw għajr jekk l-użu ta' fatturi oħra ta' konverżjoni jistgħu jkunu ġustifikati. Eżempji ta' miżuri eliġibbli li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija jingħataw fl-Anness III. Qafas ġenerali għall-kejl u l-verifika ta' l-iffrankar ta' l-enerġija jingħata fl-Anness IV. Mill-1 ta' Jannar 2008, għandu jitqies l-iffrankar ta' l-enerġija nazzjonali b'relazzjoni għall-mira ta' l-iffrankar ta' l-enerġija indikattiva nazzjonali.

2. Għall-finijiet ta' l-ewwel Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza ta' Enerġija (EEAP) li għandu jkun preżentat skond l-Artikolu 14, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mira indikattiva nazzjonali intermedja ta' frankar għat-tielet sena ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jagħti ħarsa ġenerali ta' l-istrateġija tiegħu għal ksib tal-miri intermedji u tal-miri ġenerali. Din il-mira intermedja għandha tkun realistika u konsistenti mal-mira indikattiva ġenerali ta' frankar nazzjonali imsemmija fil-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni dwar jekk il-mira indikattiva nazzjonali intermedja tidhirx realistika u konsistenti mal-mira ġenerali.

3. Kull Stat Membru għandu jaħdem fuq programmi u miżuri biex ittejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija.

4. L-Istati Membri għandhom jassenjaw lil waħda jew aktar mill-awtoritajiet jew aġenziji eżistenti jew ġodda l-kontroll u r-responsabiltà ġenerali għall-monitoraġġ tal-qafas stabbilit fir-rigward tal-mira msemmija fil-paragrafu 1. Minn hemm 'il quddiem dawn il-korpi għandhom jivverifikaw l-iffrankar ta' l-enerġija bħala riżultat tas-servizzi ta' enerġija u miżuri oħrajn li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, inklużi miżuri nazzjonali eżistenti ta' effiċjenza ta' l-enerġija, u jirrapportaw dwar ir-riżultati.

5. Wara li tkun irrevediet u rrapportat dwar l-ewwel tliet snin ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk huwiex xieraq li tippreżenta proposta għal Direttiva sabiex tkompli tiżviluppa l-approċċ tas-suq fit-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija permezz ta' ċertifikati bojod.

*Artikolu 5*

### Effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija fis-settur pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-settur pubbliku jservi bħala eżempju fil-kuntest ta' din id-Direttiva. Għal dan il-għan, għandhom iwasslu b'mod effettiv ir-rwol u l-azzjonijiet eżemplari tas-settur pubbliku liċ-ċittadini u/jew lill-kumpanniji, kif xieraq.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija jittieħdu mis-settur pubbliku, b' enfasi fuq miżuri effettivi a paragun tan-nefqa li jiġġeneraw l-iktar frankar ta' l-enerġija fl-inqas żmien. Tali miżuri għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali, reġjonali u/jew lokali xieraq, u jistgħu jikkonsistu f'inizjattivi leġiżlattivi u/jew ftehim volontarji, kif imsemmija fl-Artikolu 6(2)(b) jew skemi oħra b'effett ekwivalenti Bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Komunitarja dwar l-akkwist pubbliku:

— mill-inqas żewġ miżuri għandhom jintużaw mil-lista li tinsab fl-Anness VI;

— l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw dan il-proċess billi jippubblikaw linji gwida dwar l-effiċjenza u l-iffrankar ta' l-enerġija bħala kriterju ta' evalwazzjoni possibbli fis-sejħa ta' offerti kompetittivi għal kuntratti pubbliċi.

L-Istati Membri għandhom jifaċilitaw u jgħinu l-iskambju ta' l-aħjar prattiki bejn il-korpi tas-settur pubbliku, per eżempju għal prattiki ta' l-akkwist pubbliku ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali; għal dan il-għan, l-organizzazzjoni msemmija f'paragrafu 2 għandha tikkopera mal-Kummissjoni rigward l-iskambju ta' l-aħjar prattika kif imsemmi fl-Artikolu 7(3).

2. L-Istati Membri għandhom jassenjaw lil organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet eżistenti jew ġodda ir-responsabbiltà amministrattiva, maniġerjali u implimentattiva għall-integrazzjoni tal-ħtiġiet għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija li jinsabu fil-paragrafu 1. Dawn jistgħu jkunu l-istess awtoritajiet jew aġenziji msemmija fl-Artikolu 4(4).

KAPITOLU III

## PROMOZZJONI TA' L-EFFIĊJENZA FL-UŻU FINALI TA' L-ENERĠIJA U SERVIZZI TA' ENERĠIJA

*Artikolu 6*

### Distributuri ta' l-enerġija, operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni u kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributuri ta' l-enerġija, l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni u/jew kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut:

(a) jipprovdu meta mitluba, imma mhux iktar spiss minn darba kull sena, informazzjoni statistika aggregata dwar il-konsumaturi finali tagħhom lill-awtoritajiet jew l-aġenziji msemmija fl-Artikolu 4(4) jew lil korp magħżul ieħor, bil-kundizzjoni li dan ta' l-aħħar jitrasmetti l-informazzjoni li jirċievi lil ta' l-ewwel. Din l-informazzjoni għandha tkun biżżejjed biex jitwettqu u jkunu implimentati programmi li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, u biex servizzi ta' l-enerġija u miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza ta' enerġija jkunu promossi u mmonitorjati. Din tista' tinkludi informazzjoni storika u għandha tinkludi informazzjoni attwali dwar il-konsum mill-utent finali, inkluż, fejn ikun applikabbli, il-*load profiles*, is-segmentazzjoni tal-konsumatur u l-post ġeografiku tal-konsumaturi, filwaqt li tippreserva l-integrità u l-konfidenzjalità ta' l-informazzjoni li tkun jew ta' natura privata jew kummerċjalment sensittiva, bi qbil mal-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli;

(b) ma jwettqux kwalunkwe attività li tista' tfixkel id-domanda u t-twassil għal servizzi ta' enerġija u miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, jew li jostakolaw l-iżvilupp ta' swieq għas-servizzi ta' enerġija u miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija. L-Istat Membru konċernat għandu jieħu l-miżuri xierqa biex itemmu tali attivitajiet meta jseħħu.

2. L-Istati Membri għandhom:

(a) jagħżlu wieħed jew iktar mir-rekwiżiti li ġejjin li għandhom ikunu mħarsa mid-distributuri ta' l-enerġija, mill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni u/jew minn kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut, direttament u/jew indirettament permezz ta' fornituri oħra ta' servizzi ta' enerġija jew miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija:

(i) jiżguraw l-offerta lill-konsumaturi finali tagħhom, u l-promozzjoni ta' servizzi ta' enerġija bi prezz kompettitiv; jew

(ii) jiżguraw id-disponibiltà lill-konsumaturi finali tagħhom u l-promozzjoni ta' verifiki ta' l-enerġija bi prezz kompetittiv magħmula b'mod indipendenti u/jew miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, skond l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 12; jew

(iii) jikkontribwixxu għall-fondi u l-mekkaniżmi għall-fondi msemmija fl-Artikolu 11. Il-livell ta' dawn il-kontributi għandhom mill-inqas jikkorrispondu għall-ispejjeż stmati għall-offerta ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija f'dan il-paragrafu u għandu jiġi miftiehem ma' l-awtoritajiet jew ma' l-aġenziji msemmija fl-Artikolu 4(4); u/jew

(b) jiżguraw li ftehim volontarji u/jew skemi oħra orjentati lejn is-suq, bħal ċertifikati bojod, b'effett ekwivalenti għal wieħed jew aktar mir-rekwiżiti msemmija fil-punt (a) jeżistu jew jiġu stabbiliti. Il-ftehim volontarji għandhom ikunu valutati, sorveljati u segwiti mill-Istat Membru sabiex ikun żgurat li fil-prattika jkollhom effett ekwivalenti għal wieħed jew aktar mir-rekwiżiti msemmija fil-punt (a).

Għal dan il-għan, il-ftehimiet volontarji għandhom jkollhom oġġettivi ċari u mhux ambigwi, u għandhom ikunu suġġetti għal rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rrappurtar marbutin ma' proċeduri li jistgħu jwasslu għal miżuri riveduti u/jew addizzjonali meta l-oġġettivi ma jintlaħqux jew hemm ċans tajjeb li ma jintlaħqux. Sabiex tiġi assigurata t-trasparenza, il-ftehim voluntarji għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku u ppubblikati qabel l-applikazzjoni, sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità applikabbli jippremettu, u għandhu jkun fihom stedina lill-partijiet interessati sabiex jikkumentaw.

3. L-Istati Membri għandom jassiguraw li hemm biżżejjed inċentivi, kompetizzjoni ugwali u l-istess kundizzjonijiet ta' operazzjoni għal atturi tas-suq minbarra distributuri ta' l-enerġija, operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u/jew kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut, bħal ESCOs, stallaturi, konsulenti u esperti dwar l-enerġija, biex dawn joffru u jimplimentaw indipendentement is-servizzi ta' enerġija, il-verifiki ta' l-enerġija u l-miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija deskritti f' paragrafu 2 (a)(i) u (ii).

4. Taħt il-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu jqegħdu responsabbiltajiet fuq operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni biss jekk dan ikun konsistenti mal-ħtiġiet rigward iż-żamma ta' kontijiet separati stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2003/54/KE u fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2003/55/KE.

5. L-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal derogi jew eżenzjonijiet mogħtija taħt id-Direttivi 2003/54/KE u 2003/55/KE.

*Artikolu 7*

**Disponibbilta' ta' informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar mekkaniżmi għall-effiċjenza ta' l-enerġija u l-kwadri finanzjarji u legali adottati bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira indikattiva nazzjonali ta' l-iffrankar ta' l-enerġija hija trasparenti u mxerrda b'mod wiesà lill-atturi tas-suq rilevanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru sforzi akbar biex jippromwovu l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet u inċentivi xierqa għall-operaturi tas-suq sabiex jipprovdu aktar informazzjoni u pariri lill-konsumaturi finali dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm skambju u tixrid wiesgħa ta' informazzjoni ta' l-aħjar prassi kif tiġi frankata l-enerġija.

*Artikolu 8*

**Disponibbilta' ta' skemi ta' kwalifika, akkreditazzjoni u ċertifikazzjoni**

Bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' kompetenza teknika, oġġettività u affidabilità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn iqisu meħtieġ, id-disponibbiltà ta' kwalifiki, akkreditazzjoni u/jew skemi ta' ċertifikazzjoni xierqa għall-fornituri ta' servizzi ta' enerġija, verifiki ta' l-enerġija u miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija kif imsemmija fl-Artikolu 6(2) (a) (i) u (ii).

*Artikolu 9*

**Strumenti finanzjarji għall-iffrankar ta' l-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom iħassru jew jemendaw il-leġiżlazzjoni u/jew r-regolamenti nazzjonali, minbarra dawk li jkun ta' natura fiskali ċar, li jimpedixxu jew jillimitaw mingħajr bżonn jew b'mod sproporzjonat l-użu ta' strumenti finanzjarji għall-iffrankar ta' l-enerġija fis-suq tas-servizzi ta' enerġija jew miżuri oħrajn li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli mudelli ta' kuntratti għal dawk l-istrumenti finanzjarji disponibbli għax-xerrejja eżistenti u potenzjali ta' servizzi ta' l-enerġija u ta' miżuri oħrajn li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija fis-settur pubbliku u privat. Dawn jistgħu jinħarġu mill-awtorità jew mill-aġenzija msemmija fl-Artikolu 4(4).

*Artikolu 10*

**Tariffi ta' effiċjenza ta' l-enerġija u regolamenti oħra għall-enerġija destinata għar-rettikolat**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitneħħew dawk l-inċentivi fit-tariffi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni li jżidu bla bżonn il-volum ta' enerġija distribwita jew trażmessa. F'dan ir-rigward, skond l-Artikolu 3(2) tad-Direttivi 2003/54/KE u ma' l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/55/KE, l-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi tas-servizz pubbliku rigward l-effiċjenza ta' l-enerġija fuq impriżi li joperaw fis-setturi tal-gass u ta' l-elettriku rispettivament.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu komponenti ta' skemi u strutturi ta' tariffi b' mira soċjali, bil-kundizzjoni li kwalunkwe effett ta' tfixkil fuq is-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni jinżamm għall-minimu neċessarju u ma jkunx sproporzjonat għall-għan soċjali.

*Artikolu 11*

**Fondi u mekkaniżmi ta' fondi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fond jew fondi biex jiġi ssussidjat it-twettiq ta' programmi li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija u miżuri oħrajn li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija u biex jippromwovu l-iżvilupp ta' suq ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-promozzjoni ta' verifiki ta' l-enerġija, strumenti finanzjarji biex tiġi frankata l-enerġija u, jekk ikun xieraq, kejl imtejjeb u kontijiet informattivi. Il-fondi għandhom jindirizzaw ukoll setturi ta' konsum finali bi spejjeż ta' tranżazzjoni ogħla jew b'riskji akbar.

2. Jekk jiġu stabbiliti, il-fondi jistgħu jipprovdu għal għotjiet, self, garanziji finanzjarji u/jew tipi oħra ta' finanzjament li jiggarantixxu riżultati.

3. Il-fondi għandhom ikunu aċċessibbli għall-fornituri kollha ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, bħal ESCOs, konsulenti indipendenti dwar l-enerġija, distributuri ta' l-enerġija, operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni, kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut u stallaturi. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu l-fondi aċċessibbli għall-konsumaturi finali kollha. Sejħiet għal offerti jew metodi ekwivalenti li jiżguraw trasparenza totali għandhom jitwettqu f' konformita' sħiħa mar-regolamenti applikabbli għall-akkwist pubbliku. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali fondi jikkumplimentaw, u mhux jikkompetu, ma' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija ffinanzjati kummerċjalment.

*Artikolu 12*

**Verifiki ta' l-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' skemi ta' verifika ta' l-enerġija effiċjenti u ta' kwalità għolja li huma ddisinnjati biex jidentifikaw miżuri li għandhom il-potenzjal li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija u li jitwettqu b'mod indipendenti, lill-konsumaturi finali kollha, inklużi konsumaturi żgħar fis-settur domestiku, kummerċjali u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

2. Partijiet tas-suq li għandhom spejjeż ta' tranżazzjoni ogħla u faċilitajiet mhux kumplessi jistgħu jintlaħqu permezz ta' miżuri oħra bħal kwistjonarji u programmi tal-kompjuter disponibbli fuq l-Internet u/jew mibgħuta lill-konsumaturi bil-posta. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' l-verifiki ta' l-enerġija għall-partijiet tas-suq fejn mhumiex mibjugħa kummerċjalment tenut kont ta' l-Artikolu 11(1).

3. Iċ-ċertifikazzjoni skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-prestazzjoni ta' l-enerġija fil-bini ([1]) għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal verifika ta' l-enerġija li tilħaq il-ħtiġiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u bħala ekwivalenti għal verifika ta' l-enerġija kif imsemmija fl-Anness VI(e) ta' din id-Direttiva. Minbarra dan, verifiki li jirriżultaw minn skemi bbażati fuq ftehim volontarji bejn organizzazzjonijiet ta' partijiet ikkonċernati u korp maħtur, sorveljat u segwit mill-Istat Membru konċernat skond l-Artikolu 6(2)(b) ta' din id-Direttiva għandhom ukoll ikunu kkunsidrati li jissodisfaw il-ħtiġiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 13*

**Kejl u kontijiet informattivi dwar il-konsum ta' l-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, safejn huwa teknikament possibbli, raġonevoli mil-lat finanzjarju u proporzjonat fir-rigward ta' l-iffrankar potenzjali ta' l-enerġija, il-konsumatur finali ta' l-elettriku, tal-gass naturali, tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali u ta' l-ilma sħun fid-djar jingħataw meters individwali bi prezz kompettitiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum reali ta' enerġija mill-konsumatur u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali ta' l-użu.

Meta miter jinbidel, għandhom dejjem jiġu pprovduti miters individwali bi prezz kompetittiv bħal dawn, sakemm dan ma jkunx teknikament impossibbli jew ma jkunx ekonomikament effettiv meta wieħed jikkunsidra l-iffrankar potenzjali stmat fuq tul ta' żmien. Meta ssir konnessjoni ġdida f'bini ġdid jew f'bini li fih isiru rinnovazzjonijiet kbar, kif stipulat fid-Direttiva 2002/91/KE, miters individwali bi prezz kompetittiv bħal dawn għandhom jiġu dejjem ipprovduti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun xieraq, l-kontijiet mid-distributuri ta' l-enerġija, mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u mill-kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut ikunu bbażati fuq il-konsum reali ta' l-enerġija, u jkunu preżentati f'termini ċari u li jistgħu jinftiehmu. Informazzjoni xierqa għandha tkun disponibbli mal-kont biex tipprovdi lill-konsumatur finali b'rendikont komprensiv ta' l-ispejjeż attwali ta' l-enerġija. Kontijiet ibbażati fuq konsum attwali għandhom jintbagħtu ta' spiss biżżejjed biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom ta' l-enerġija.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn xieraq, l-informazzjoni li gejja ssir disponibbli lill-konsumaturi finali f'termini ċari u li jistgħu jinftiehmu mid-distributuri ta' l-enerġija, mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jew mill-kumpanniji tal-bejgħ ta' l-enerġija bl-imnut fil-kontijiet, fil-kuntratti, fit-tranżazzjonijiet, u/jew fl-irċevuti fl-istazzjonijiet tad-distribuzzjoni:

(a) il-prezzijiet kurrenti reali u il-konsum reali ta' enerġija;

(b) tqabbil tal-konsum ta' enerġija attwali mill-konsumatur mal-konsum tul l-istess perjodu fis-sena ta' qabel, preferibbilment f'forma grafika;

(ċ) fejn ikun possibbli u utli, tqabbil ma' utent ta' l-enerġija medju normalizzat jew ta' referenza fl-istess kategorija ta' utent;

(d) informazzjoni dwar kif jista' jsir kuntatt ma' organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, aġenziji ta' l-enerġija jew korpi oħra simili, inkluż indirizzi ta' siti web, minn fejn wieħed jistà isib informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, profili ta' konsumaturi finali għall-paragun, u/jew speċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għal tagħmir li juża l-enerġija.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 14*

**Rapporti**

1. L-Istati Membri li diġà jużaw, għal kwalunkwe għan, metodi ta' kalkolu għall-iffrankar ta' l-enerġija simili għal dawk deskritti fl-Anness IV fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jistgħu jippreżentaw informazzjoni fil-livell xieraq ta' dettalji lill-Kummissjoni. Dawn is-sottomissjonijiet għandhom isiru malajr kemm jista' jkun, preferibiliment mhux aktar tard min-17 Novembru 2006. Din l-informazzjoni għandha tgħin lill-Kummissjoni biex tieħu kont dovut tal-prassi eżistenti.

---

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-EEAPs li ġejjin:

— l-ewwel EEAP sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007;

— it-tieni EEAP sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011;

— it-tielet EEAP sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014.

L-EEAP kollha għandhom jiddeskrivu l-miżuri kollha għat-titjieb ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija li huma ppjanati li jittieħdu biex jintlaħqu l-miri stipulati fl-Artikoli 4(1) u 4(2), kif ukoll biex jissodisfaw id-dispożizzjonijiet dwar l-irwol eżemplari fis-settur pubbliku u l-għoti ta' informazzjoni u pariri lill-konsumaturi finali kif stipulat fl- Artikoli 5(1) u 7(2) rispettivament.

It-tieni u t-tielet EEAP għandhom:

— jinkludu analiżi u evalwazzjoni dettaljati tal- EEAP preċedenti;

— jinkludu l-aħħar riżultati dwar it-twettieq tal-miri biex tkun frankati l-enerġija kif stipulat fl-Artikoli 4(1) u 4(2);

— jinkludu l-pjanijiet, u l-informazzjoni dwar l-effetti antiċipati ta', aktar miżuri li jindirizzaw xi nuqqas attwali jew mistenni fir-rigward tal-miri;

— skond l-Artikolu 15(4), jużaw u gradwalment iżidu l-użu ta' indikaturi u punti ta' referenza armonizzati ta' l-effiċjenza, kemm biex jevalwaw il-miżuri ta' qabel kif ukoll għall-istima ta' l-effetti ta' miżuri oħra pjanati għall-futur;

— ikunu ibbażati fuq *data* disponibbli u li tkun issupplimentata bi stimi.

3. Mhux aktar tard minn 17 Mejju 2008, il-Kummissjoni għandha tippubblika evalwazzjoni ta' l-impatt tal-benefiċċji meta mqabbla ma' l-ispejjeż, li teżamina r-rabta bejn l-istandards, ir-regolamenti, il-politika u l-miżuri fuq l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija ta' l-UE.

4. L-EEAPs ikunu valutati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2):

— l-ewwel EEAPs għandu jkun rivedut qabel l-1 ta' Jannar 2008;

— it-tieni EEAPs għandu jkun rivedut qabel l-1 ta' Jannar 2012;

— it-tielet EEAPs għandu jkun rivedut qabel l-1 ta' Jannar 2015.

5. Fuq il-bażi ta' l-EEAPs, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kemm l-Istati Membri jkunu għamlu progress biex jilħqu l-mira indikattiva nazzjonali tagħhom ta' l-iffrankar ta' l-enerġija. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapporti bil-konklużjonijiet tagħha:

— fuq l-ewwel EEAP qabel l-1 ta' Jannar 2008;

— fuq it-tieni EEAP qabel l-1 ta' Jannar 2012;

— fuq it-tielet EEAP qabel l-1 ta' Jannar 2015.

Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu informazzjoni fuq azzjoni relatata fuq livell Komunitarju, inkluża informazzjoni fuq leġiżlazzjoni attwalment applikabbli kif ukoll fuq leġiżlazzjoni futura. Dawn ir-rapporti għandhom jikkunsidraw is-sistema ta' punti ta' referenza li għalihom jirreferi l-Artikolu 15(4), jidentifikaw l-aħjar prassi, jidentifikaw każi li fihom Stati Membri u/jew il-Kummissjoni m'humiex jagħmlu progress biżżejjed, u jistgħu jkun fihom rakkomandazzjonijiet.

Wara t-tieni rapport għandu jkun hemm, fejn xieraq u neċessarju, proposti għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill għal miżuri addizzjonali li jinkludu l-possibiltà ta' estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-miri. Jekk ir-rapport jikkonkludi li ma kienx hemm biżżejjed progress biex jintlaħqu l-miri nazzjonali indikattivi, dawn il-proposti għandhom jindirizzaw il-livell u n-natura tal-miri.

*Artikolu 15*

**Reviżjoni u addattament tal-qafas**

1. Il-valuri u l-metodi ta' kalkolu msemmija fl-Annessi II, III, IV u V għandhom jiġu addottati għall-progress tekniku skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 16(2).

2. Qabel l-1 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2), għandha tkompli tirfina u tikkomplimenta kif meħtieġ il-punti 2 sa 6 ta' l-Anness IV, filwaqt li tirrispetta l-qafas ġenerali stabbiliti fl-Anness IV.

3. Qabel l-1 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16 (2), għandha tgħolli l-persentaġġ ta' kalkoli axxendenti armonizzati użati fil-mudell ta' kalkolu armonizzat imsemmi fil-punt 1 ta' l-Anness IV, mingħajr preġudizzju għall-iskemi ta' l-Istati Membri li diġà jagħmlu użu minn persentaġġ ogħla. Il-mudell ġdid ta' kalkolu armonizzat b'persentaġġ sinifikattivament ogħla ta' kalkoli axxendenti jibda jintuża l-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2012.

Fejn huwa prattiku u possibbli, il-kejl totali ta' kemm ikun ġie frankat matul il-perjodu totali ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandu jsir b'dan il-mudell ta' kalkolu armonizzat, mingħajr preġudizzju għal dawk l-iskemi ta' l-Istati Membri li jużaw persentaġġ ogħla ta' kalkoli axxendenti.

4. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni, skond lil-proċedura fl-Artikolu 16.2, għandha tiżviluppa sett ta' indikaturi armonizzati ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u ta' punti ta' referenza ibbażat fuqhom, billi tikkunsidra *data* disponibbli jew *data* li trid tinġabar b'mod li jkun ekonomikament effettiv għal kull Stat Membru. Biex ikunu żviluppati dawn l-indikaturi armonizzati ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija dawn il-punti ta' referenza, il-Kummissjoni tuża bħala gwida ta' referenza l-lista indikattiva mniżżla fl-Anness V. L-Istati Membri gradwalment jintegraw dawn l-indikaturi u l-punti ta' referenza fid-*data* ta' statistika inkluża fl-EEAPs tagħhom, kif imsemmija fl-Artikolu 14, u jużawhom bħala għodda għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiddeċiedu fuq l-oqsma ta' prijorità futuri fl-EEAPs.

Sa mhux aktar tard minn 17 Mejju 2011, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport fuq il- progress li jkun sar biex jiġu stabbiliti indikaturi u punti ta' referenza.

*Artikolu 16*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont tenut ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu mniżżel fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 17*

**Imħassar**

Id-Direttiva 93/76/KEE hija b' dan imħassra.

*Artikolu 18*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 17 Mejju 2008, b'eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14(1), (2) u (4), li għaliha d-*data* tat-transpożizzjoni tkun sa mhux aktar tard minn 17 Mejju 2006. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkompanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodi ta' kif issir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 20*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar il-5 ta' April 2006.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | H. WINKLER |

*ANNESS I*

**Metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-mira indikattiva nazzjonali ta' frankar ta' l-enerġija**

Il-metodoloġija użata biex tiġi kkalkulata l-mira indikattiva nazzjonali ta' frankar ta' l-enerġija msemmija fl-Artikoli 4 għandha tkun kif ġej:

1. L-Istati Membri għandhom jużaw il-konsum finali annwali ta' l-enerġija għall-utenti kollha ta' l-enerġija koperti b'din id-Direttiva għall-perjodu ta' l-aħħar ħames snin qabel l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva li għalih *data* uffiċjali hija disponibbli, biex jikkalkulaw ammont medju annwali tal-konsum. Dan il-konsum finali ta' l-enerġija għandu jkun l-ammont ta' enerġija distribwita jew mibjugħa lill-konsumaturi finali matul il-perjodu ta' ħames snin, li ma jkunx aġġustat minħabba ġranet-gradi, bidliet strutturali jew bidliet ta' produzzjoni.

   Abbażi ta' dan l-ammont medju ta' konsum annwali, il-mira indikattiva nazzjonali ta' frankar ta' l-enerġija għandha tkun ikkalkulata darba u l-ammont assolut ta' enerġija li trid tkun frankati li jirriżulta jkun applikat għad-dewmien sħiħ ta' din id-Direttiva.

   Il-mira indikattiva nazzjonali ta' frankar ta' l-enerġija għandha:

   (a) tikkonsisti f'9 % ta' l-ammont medju annwali tal-konsum imsemmi hawn fuq;

   (b) titkejjel wara d-disa' sena ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

   (ċ) tkun ir-riżultat ta' frankar annwali kumulattiv ta' l-enerġija miksub tul il-perjodu ta' id-disa' sena ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

   (d) tintlaħaq permezz ta' servizzi ta' enerġija u miżuri oħrajn li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija.

   Din il-metodoloġija għall-kejl ta' l-iffrankar ta' l-enerġija tiżgura li l-iffrankar totali ta' l-enerġija preskritta minn din id-Direttiva jkun ammont fiss, u għalhekk ikun indipendenti mit-tkabbir futur fil-GDP u minn kwalunkwe żieda futura fil-konsum ta' l-enerġija.

2. Il-mira indikattiva nazzjonali ta' frankar ta' l-enerġija għandha tkun espressa f'termini assoluti f'GWh, jew ekwivalenti, ikkalkulati skond l-Anness II.

3. Frankar ta' l-enerġija f'sena partikolari wara li tkun daħlet fis-seħħ din id-Direttiva li jirriżulta minn miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija li nbdew f'sena qabel iżda mhux qabel l-1995 u li jkollhom effett li jkompli jista' jkunu kkunsidrati fil-kalkolu ta' l-iffrankar annwali ta' l-enerġija. Fejn iġġustifikat miċ-ċirkostanzi, f'ċerti każi il-miżuri li nbdew qabel l-1995 iżda mhux qabel l-1991 jistgħu jkunu kkunsidrati. Miżuri ta' natura teknoloġika jridu jew ikunu ġew aġġornati sabiex jkun ikkunsidrat l-iżvilupp teknoloġiku, jew valutati fir-rigward ta' punti ta' referenza għal miżuri bħal dawn. Il-Kummissjoni trid tipprovdi linji gwida għal kif l-effett ta' dawn il-miżuri biex jitjieb l-użu effiċjenti ta' l-enerġija għandhom, fejn huwa possibbli, ikunu kkalkulati jew stmati fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni Komunitarja bħalma hi d-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażat fuq talba ta' sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija ([1]) u d-Direttiva 2002/91/KE.

   Fil-każijiet kollha, l-iffrankar riżultanti ta' l-enerġija xorta għandu jkun verifikabbli u li jistà jkun imkejjel jew stmat, skond il-qafas ġenerali fl-Anness IV.

---

([1]) ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50.

*ANNESS II*

**Kontenut ta' enerġija ta' karburanti magħżula għall-użu finali – tabella ta' konverżjoni** ([1])

| Prodott ta' enerġija | kJ (NCV) | kgoe (NCV) | kWh (NCV) |
|---|---|---|---|
| 1 kg kokk | 28 500 | 0,676 | 7,917 |
| 1 kg faħam iebes | 17 200 – 30 700 | 0,411 – 0,733 | 4,778 – 8,528 |
| 1 kg maltunelli tal-faħam kannella | 20 000 | 0,478 | 5,556 |
| 1 kg linjite iswed | 10 500 – 21 000 | 0,251 – 0,502 | 2,917 – 5,833 |
| 1 kg faħam kannella | 5 600 – 10 500 | 0,134 – 0,251 | 1,556 – 2,917 |
| 1 kg *shale* taż-żejt | 8 000 – 9 000 | 0,191 – 0,215 | 2,222 – 2,500 |
| 1 kg *peat* | 7 800 – 13 800 | 0,186 – 0,330 | 2,167 – 3,833 |
| 1 kg maltunelli tal-*peat* | 16 000 – 16 800 | 0,382 – 0,401 | 4,444 – 4,667 |
| 1 kg karburant residwu (żejt tqil) | 40 000 | 0,955 | 11,111 |
| 1 kg karburant ħafif | 42 300 | 1,010 | 11,750 |
| 1 kg spirtu tal-magni (petrol) | 44 000 | 1,051 | 12,222 |
| 1 kg pitrolju | 40 000 | 0,955 | 11,111 |
| 1 kg gass tal-pitrolju likwifikat | 46 000 | 1,099 | 12,778 |
| 1 kg gass naturali ([1]) | 47 200 | 1,126 | 13,10 |
| 1 kg gass naturali likwifikat | 45 190 | 1,079 | 12,553 |
| 1 kg injam (25 % umdità) ([2]) | 13 800 | 0,330 | 3,833 |
| 1 kg gerbub/briks ta' l-injam | 16 800 | 0,401 | 4,667 |
| 1 kg skart | 7 400 – 10 700 | 0,177 – 0,256 | 2,056 – 2,972 |
| 1 MJ sħana derivata | 1 000 | 0,024 | 0,278 |
| 1 kWh enerġija elettrika | 3 600 | 0,086 | 1 ([3]) |

*Sors:* Eurostat.

([1]) 93 % metanu.
([2]) L-Istati Membri jistgħu japplikaw valuri oħra skond it-tip ta' injam li l-iktar jintuża fl-Istat Membru rispettiv.
([3]) Għall-iffrankar fl-elettriku f'kWh l-Istati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent ta' 2,5 li jirriffletti l-medja mbassra ta' 40 % ta' l-effiċjenza tal-ġenerazzjoni ta' l-UE matul il-perjodu ta' mira. L-Istati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent differenti bil-kundizzjoni li jkunu jistgħu jiġġustifikawh.

([1]) L-Istati Membri jistgħu japplikaw fatturi ta' konverżjoni differenti jekk dawn jistgħu jiġu ġġustifikati.

ANNESS III

**Lista indikattiva ta' eżempji ta' miżuri eliġibbli li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija**

Dan l-Anness jipprovdi eżempji ta' oqsma fejn jistgħu jiġu żviluppati u implimentati programmi li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija u miżuri oħrajn li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-kuntest ta' l-Artikolu 4.

Sabiex jitqiesu, dawn il-miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija jridu jirriżultaw fi frankar ta' l-enerġija li jista' jiġi mkejjel u verifikat jew stmat b'mod ċar skond il-linji gwida ta' l-Anness IV, u jeħtieġ li l-impatti tagħhom fuq l-iffrankar ta' l-enerġija ma jkunx diġà ingħadd f'miżuri speċifiċi oħrajn. Il-listi li ġejjin mhumiex eżawrjenti iżda huma intiżi li jservu ta' gwida.

Eżempji ta' miżuri eliġibbli li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija:

**Setturi residenzjali u terzjarji**

(a) tisħin u tkessiħ (eż., pompi tat-tisħin, *boilers* ġodda effiċjenti, stallazzjoni/modernizzazzjoni effiċjenti ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali);

(b) insulazzjoni u ventilazzjoni (eż. ħajt dobblu u insulazzjoni tas-saqaf, twieqi bi ħġieġ doppju/tripplu sistemi passivi ta' tisħin u tkessiħ, eċċ.);

(ċ) ilma sħun (eż. stallazzjoni ta' strumenti ġodda, użu dirett u effiċjenti fit-tisħin ta' l-ispazju, magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ);

(d) dawl (eż. bozoz u ballasts ġodda, effiċjenti, sistemi ta' kontroll diġitali, użu ta' *motion detectors* għas-sistemi tad-dawl f'bini kummerċjali);

(e) tisjir u tkessiħ (eż. strumenti ġodda, effiċjenti, sistemi li jirkupraw is-sħana);

(f) tagħmir u *appliances* oħrajn (eż. *appliances* li jiġġeneraw l-enerġija u s-sħana flimkien, strumenti ġodda, effiċjenti, kontroll skond il-ħin għall-użu aħjar ta' l-enerġija, tnaqqis fit-telf ta' l-enerġija permezz tal-faċilità *stand-by*, stallazzjoni ta' kapaċitaturi li jnaqqsu l-enerġija reattiva, transformaturi b'telf baxx);

(g) ġenerazzjoni domestika ta' sorsi rinovabbli ta' l-enerġija, fejn l-ammont ta' enerġija mixtrija hija mnaqqsa (eż. applikazzjonijiet termali solari, ilma sħun domestiku, tisħin u tkessiħ ta' spazju b'għajnuna solari);

**Settur industrijali**

(h) proċessi ta' l-immanifatturar ta' prodotti (eż. użu iktar effiċjenti ta' arja kkompressata, l-ikkondensat u *switches* u valvs, użu ta' sistemi awtomatiċi u integrati, modi effiċjenti ta' *stand-by*);

(i) muturi u sistemi ta' trażmissjoni (eż. żieda fl-użu ta' kontrolli elettroniċi, sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli, ipprogrammar ta' l-applikazzjoni integrata, konverżjoni tal-frekwenza, mutur elettriku b'effiċjenza għolja);

(j) fannijiet, sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli u ventilazzjoni (eż. strumenti/sistemi ġodda, użu ta ventilazzjoni naturali);

(k) ġestjoni tar-reazzjoni għad-domanda (eż. ġestjoni tat-tagħbija, sistemi ta' kontroll għat-tnaqqis ta' domanda għolja);

(l) Ko-ġenerazzjoni b'effiċjenza għolja (eż. *appliances* li jiġġeneraw l-enerġija u s-sħana flimkien);

**Settur tat-trasport**

(m) mezz ta' vvjaġġar użat (eż. promozzjoni ta' vetturi effiċjenti fl-enerġija, l-użu effiċjenti fl-enerġija ta' vetturi inkluż skemi għall-aġġustament tal-pressjoni tat-tajer, strumenti għall-effiċjenza ta' l-enerġija u mezzi li jistgħu jiġu miżjuda għal vetturi, addittivi tal-karburant li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, żjut b'lubriċità għolja u tajers b'reżistenza baxxa);

(n) bidliet fil-mod tat-trasport (eż. sistemi ta' trasport mid-dar sa l-uffiċju mingħajr karozza, l-użu ta' vettura minn iktar minn persuna waħda, bidliet fil-mod tat-trasport minn modi ta' trasport li jikkonsumaw iktar enerġija għal dawk li jikkonsumaw inqas, għal kull passiġġier-kilometru jew tunnellaġġ-kilometru);

(o) ġranet mingħajr użu ta' karozzi;

**Miżuri li japplikaw għas-setturi kollha**

(p) standards u normi li l-għan primarju tagħhom hu li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija ta' prodotti u servizzi, inkluż bini;

(q) skemi ta' tikkettar ta' l-enerġija;

(r) kejl bil-miter, sistemi ta' kejl bil-miter bħall-istrumenti individwali għall-kejl bil-miter ikkontrollati minn fattura mill-bogħod u informattiva;

(s) taħriġ u edukazzjoni li jwasslu għall-applikazzjoni ta' teknoloġija u/jew tekniki effiċjenti fl-enerġija;

**Miżuri orizzontali**

(t) regolamenti, taxxi eċċ. li jkollhom l-effet li jnaqqsu l-konsum finali ta' l-enerġija;

(u) kampanji ta' informazzjoni iffukati fuq il-promozzjoni tat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija u miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija.

*ANNESS IV*

## Qafas ġenerali għall-kejl u għall-verifikazzjoni ta' l-iffrankar ta' l-enerġija

### 1. Miżuri u kalkoli ta' frankar ta' enerġija u n-normalizzazzjoni tagħhom

#### 1.1 *Kejl ta' l-iffrankar ta' l-enerġija*

Ġenerali

Fil-kejl ta' l-iffrankar miksub ta' l-enerġija kif stipulat fl-Artikolu 4 bil-ħsieb li jinqabad it-titjib kollu fl-effiċjenza ta' l-enerġija u biex jiġi aċċertat l-impatt ta' miżuri individwali, mudell ta' kalkolu armonizzat li juża taħlita ta' metodi ta' kalkolu dixxendenti u axxendenti għandu jintuża biex jitkejjel it-titjib annwali fl-effiċjenza ta' l-enerġija għall EEAP imsemmi fl-Artikolu 14.

Fl-iżvilupp tal-mudell ta' kalkolu armonizzat skond l-Artikolu 15(2), il-Kumitat għandu jimmira li juża, sa fejn hu possibbli, *data* li diġà tingħata b'mod regolari mill-Eurostat u/jew mill-aġenziji nazzjonali ta' l-istatistika.

Kalkoli dixxendenti

Metodu ta' kalkolu dixxendenti jfisser li l-ammont ta' frankar ta' enerġija jiġi kkalkulat billi bħala l-punt tat-tluq jintużaw livelli ta' frankar ta' l-enerġija nazzjonali jew settorjali aggregati fuq skala ikbar. Isiru mbgħad aġġustamenti tad-*data* annwali għal fatturi estraneji bħal ġranet-grad, bidliet strutturali, taħlita ta' prodotti, eċċ. biex tkun derivata miżura li tagħti indikazzjoni ġusta tat-titjib totali fl-effiċjenza ta' l-enerġija, kif deskritt fil-punt 1.2. Dan il-metodu ma jipprovdix kejl eżatt fuq livell dettaljat u lanqas ma juri r-relazzjonijiet kawża-effett bejn il-miżuri u l-iffrankar ta' l-enerġija li jirriżulta minnhom. Madankollu, normalment huwa iktar sempliċi u orħos u huwa spiss imsejjaħ "indikaturi ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija" minħabba li jagħti indikazzjoni ta' l-iżviluppi.

Fl-iżvilupp tal-metodu ta' kalkolu dixxendenti użat fil-mudell ta' kalkolu armonizzat, il-Kumitat għandu jibbaża xogħlu, safejn possibbli, fuq metodoloġiji eżistenti bħal-mudell ODEX ([1]).

Kalkoli axxendenti

Metodu ta' kalkolu axxendenti jfisser li l-iffrankar ta' l-enerġija miksuba permezz ta' l-implimentazzjoni ta' miżura speċifika li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija jkun imkejjel f'kilowatt-sighat (kWh), f'*Joules* (J) jew f'kilogrammi ta' żejt ekwivalenti (kgoe) u miżjud mar-riżultati ta' l-iffrankar ta' l-enerġija minn miżuri speċifiċi oħrajn li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija. L-awtoritajiet jew l-aġenzija msemmija fl-Artikolu 4(4) jiżguraw li l-kalkolu doppju ta' l-iffrankar ta' l-enerġija, li jirriżulta minn taħlita ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija (inklużi mekkaniżmi), jkun evitat. Għall-metodu ta' kalkolu axxendenti, jistgħu jintużaw id-*data* u l-metodi msemmija fil-punti 2.1 u 2.2.

Qabel l-1 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa mudell axxendenti armonizzat. Dan il-mudell għandu jkopri livell ta' bejn l-20 u t-30 % tal-konsum ta' enerġija intern annwali finali għal setturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, suġġetti għall-konsiderazzjoni xierqa tal-fatturi msemmija fil-punti (a), (b) u (ċ) hawn taħt.

Sal-1 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa dan il-mudell axxendenti armonizzat, li għandu jkopri livell sinifikattivament ogħla tal-konsum ta' enerġija intern annwali finali għal setturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, suġġetti għal konsiderazzjoni xierqa tal-fatturi msemmija fil-punti (a), (b) u (ċ) hawn taħt.

---

([1]) Proġett ODYSSEE-MURE, Programm SAVE. Il-Kummissjoni 2005.

Fl-iżvilupp tal-mudell axxendenti armonizzat, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-fatturi li ġejjien u konsegwentement tiġġustifika d-deċiżjoni li tieħu

(a) l-esperjenza bil-mudell ta' kalkolu armonizzat matul l-ewwel snin ta' applikazzjoni;

(b) iż-żieda potenzjali mistennija fil-preċiżjoni li tirriżulta minn sehem akbar tal-kalkoli axxendenti;

(ċ) stima taż-żieda potenzjali fl-ispejjeż u/jew tat-tagħbija amministrattiva.

Meta jiżviluppaw dan il-mudell axxendenti skond l-Artikolu 15(2) il-Kumitat għandu jipprova juża metodi standard li huma ta' l-inqas tagħbija jew spiża amministrattiva, prinċipalment bl-użu tal-metodi ta' kejl li jagħmlu referenza għalihom il-punti 2.1 u 2.2 u billi jagħfsu fuq dawk is-setturi fejn il-mudell axxendenti armonizzat tista' tiġi applikata bl-inqas spiża possibbli.

L-Istati Membri li jixtiequ jużaw iktar kejl axxendenti flimkien mal-parti preskritta mill-mudell axxendenti skond il-ftehim tal-Kummissjoni, skond il-proċedura li tagħmel referenza għaliha fl-Artikolu 16(2) fuq il-bażi ta' deskrizzjoni tal-metodoloġija ppreżentat mill-Istat Membru kkonċernat.

Jekk il-kalkoli axxendenti mhumiex disponibbli għal ċerti setturi, indikaturi dixxendenti jew taħlita ta' kalkoli dixxendenti u axxendenti għandhom jintużaw fir-rapporti lill-Kummissjoni, suġġett għall-qbil mill-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2). B'mod partikolari, meta tkun qed tivvaluta t-talbiet għal dan il-għan fil-kuntest tar-rapport interim deskritt fl-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni għandha turi l-flessibilità xierqa. Xi kalkoli dixxendenti jistgħu jkunu neċessarji sabiex jiġi mkejjel l-impatt tal-miżuri implimentati wara l-1995 (u f'ċerti każi anke, aktar kmieni, mill-1991) li għad għandhom impatt.

1.2 *Kif il-miżuri ta' l-iffrankar ta' l-enerġija jridu jiġu normalizzati*

L-iffrankar ta' l-enerġija għandu jiġi determinat billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni tal-miżura, filwaqt li jiġi żgurat l-aġġustament u n-normalizzazzjoni għal kundizzjonijiet esterni li komunament jaffettwaw l-użu ta' l-enerġija. Il-kundizzjonijiet li komunament jaffettwaw il-konsum ta' l-enerġija jistgħu wkoll jinbidlu matul iż-żmien. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jkunu l-impatt possibbli ta' wieħed jew bosta mill-fatturi possibbli li ġejjin bħal:

(a) kundizzjonijiet tat-temp, bħal ġranet-grad;

(b) livelli ta' okkupazzjoni;

(ċ) ħinijiet tal-ftuħ għal bini mhux għal użu domestiku;

(d) intensità tat-tagħmir installat (ammont ta' materjal li jkun ipproċessat mill-impjant); taħlita ta' prodotti;

(e) ammont ta' materjal li jkun ipproċessat mill-impjant, livell ta' produzzjoni, volum jew valur miżjud, inklużi bdil fil-livell ta' GDP;

(f) skedi għall-istallazzjoni u għall-vetturi;

(g) relazzjonijiet ma' unitajiet oħra.

2. **Data u Metodi li jistgħu jintużaw (possibiltà li jittieħed kejl)**

Jeżistu bosta metodi biex tinġabar *data* bil-għan li jitkejjel u/jew jiġi stmat l-iffrankar ta' l-enerġija. Waqt il-valutazzjoni ta' servizz ta' enerġija jew ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija, ta' spiss ikun impossibbli li wieħed joqgħod biss fuq il-kejl. Allura ssir distinzjoni bejn il-metodi li jkejlu l-iffrankar ta' l-enerġija u l-metodi li jistmaw l-iffrankar ta' l-enerġija, fejn dan ta' l-aħħar huwa prattika iktar komuni.

2.1 *Data u metodi bbażati fuq il-kejl*

Kontijiet minghand kumpanniji ta' distribuzzjoni jew bejjiegħa bl-imnut

Kontijiet ta' l-enerġija li ttieħdu bil-miter jistgħu jifformaw il-bażi għall-kejl għal perjodu rappreżentattiv qabel l-introduzzjoni tal-miżura li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija. Dawn jistgħu mbagħad jitqabblu ma' kontijiet li ttieħdu bil-miter għall-perjodu ta' wara l-introduzzjoni u l-użu tal-miżura, anke għal perjodu ta' żmien rappreżentattiv. Ir-riżultati jridu jitqabblu ma' grupp ta' kontroll (mhux grupp ta' parteċipazzjoni) jekk dan ikun possibbli, jew bħala alternattiva, innormalizzati kif deskritt fil-punt 1.2.

Data dwar il-Bejgħ ta' l-Enerġija

Il-konsum ta' tipi differenti ta' enerġija (eż. elettriku, gass, żejt għat-tisħin) jista' jitkejjel billi tiġi mqabbla d-*data* tal-bejgħ minghand il-bejjiegħ jew id-distributur miksuba qabel l-introduzzjoni tal-miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, mad-*data* dwar il-bejgħ tal-perjodu ta' wara l-miżura. Jista' jintuża grupp ta' kontroll jew d-*data* tista' tiġi normalizzata.

Data dwar il-Bejgħ ta' Tagħmir u *Appliances*

Il-prestazzjoni ta' tagħmir u *appliances* jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' informazzjoni miksuba direttament minghand il-fabbrikant. Id-*data* dwar il-bejgħ ta' tagħmir u *appliances* tista' tinkiseb ġeneralment minghand il-bejjiegħa. Jista' wkoll isir stħarriġ u kejl speċjali. Id-*data* aċċessibbli tista' tiġi mqabbla mal-figuri tal-bejgħ biex ikun determinat l-ammont ta' frankar ta' l-enerġija. Meta jintuża dan il-metodu, iridu jsiru aġġustamenti għal bdil fl-użu tat-tagħmir jew ta' l-*appliance*.

Data dwar it-Tagħbija fl-Użu Finali

L-użu ta' l-enerġija ta' bini jew ta' faċilità jista' jiġi mmonitorjat bi sħiħ biex tiġi rreġistrata t-talba għall-enerġija qabel u wara l-introduzzjoni ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija. Fatturi rilevanti importanti (eż. il-proċess ta' produzzjoni, tagħmir speċjali, stallazzjonijiet tat-tisħin) jistgħu jitkejlu b' iktar reqqa.

2.2 *Data u metodi bbażati fuq stimi*

Data dwar stimi tekniċi sempliċi: Nuqqas ta' spezzjoni

Il-kalkolu ta' *data* dwar stimi tekniċi sempliċi minghajr ma jkun hemm spezzjoni fuq il-post huwa l-metodu l-iktar użat għall-ksib ta' *data* għall-kejl ta' frankar preżunt ta' l-enerġija. Id-*data* tista' tiġi stmata bl-użu ta' prinċipji tekniċi, minghajr ma tintuża *data* ta' fuq il-post, iżda b' suppożizzjonijiet ibbażati fuq speċifikazzjonijiet tat-tagħmir, karatteristiċi tal-prestazzjoni, profili ta' kif jaħdmu l-miżuri installati u statistiċi eċċ.

Data dwar stimi tekniċi mtejba: Spezzjoni

Id-*data* dwar l-enerġija tista' tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' informazzjoni miksuba minn espert estern waqt verifika, jew tip ieħor ta' żjara ta' post jew postijiet immirati. Fuq din il-bażi, mudelli ta' algoriżmi/simulazzjonijiet iktar sofistikati jistgħu jiġu żviluppati u applikati għal numru ikbar ta' postijiet (eż. bini, faċilitajiet, vetturi). Dan it-tip ta' kejl jista' jintuża ta' spiss biex jikkomplimenta u jikkalibra stimi ta' *data* teknika sempliċi.

## 3. It-trattament ta' l-inċertezza

Il-metodi kollha elenkati fil-punt 2 ta' dan l-Anness jistgħu jinvolvu xi grad ta' inċertezza. L-inċertezza tista' tiġi minn [1]:

(a) żbalji ta' strumentazzjoni: dawn isiru tipikament minħabba żbalji fl-ispeċifikazzjonijiet li jingħataw mill-fabbrikant tal-prodott;

(1) Mudell kif tistabbilixxi livell ta' inċertezza li tista' tiġi kwantifikata, ibbażat fuq dawn it-tliet żbalji hu msemmi fl-Appendiċi B fil-Protokoll Internazzjonali dwar il-Kejl u l-Verifikazzjoni tar-Rendiment (IPMVP).

(b) żbalji tal-mudell: dan tipikament jirreferi għal żbalji fil-mudell użat biex jiġu stmati parametri għad-*data* miġbura;

(ċ) żbalji ta' kampjunar: dawn tipikament jirreferu għal żbalji li jirriżultaw mill-fatt li jiġi osservat kampjun ta' unitajiet u mhux is-sett kollu ta' l-unitajiet li qed jiġu studjati.

L-inċertezza tista' tinħoloq ukoll minn suppożizzjonijiet ippjanati jew mhux ippjanati; dawn huma tipikament assoċjati ma' stimi, stipulazzjonijiet u/jew l-użu ta' *data* teknika. Il-fatt li jkun hemm żbalji hu relatat ukoll mas-sistema magħżula għall-ġbir ta' *data* li hi deskritta fil-qosor fil-punti 2.1 u 2.2 ta' dan l-Anness. Jingħata l-parir li l-inċertezza tiġi speċifikata iktar.

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw il-metodi ta' inċertezza kwantifikata meta jirrappurtaw dwar il-miri stipulati f'din id-Direttiva. L-inċertezza kwantifikata għandha mbagħad tkun espressa b'mod li jagħmel sens statistikament, filwaqt li jkun iddikjarat kemm il-livell ta' preċiżjoni kif ukoll il-livell ta' affidabilità. Per eżempju, "l-iżball kwantifikabbli hu 90 % b'affidabilità ta' ±20 %".

Jekk jintuża l-metodu ta' l-inċertezza kwantifikata, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll il-fatt li l-livell aċċettabbli ta' inċertezza meħtieġ għall-kalkoli ta' l-iffrankar ta' l-enerġija hu funzjoni tal-livell ta' frankar u ta' l-effettività a paragun tan-nefqa tat-tnaqqis ta' l-inċertezza.

4. **Armonizzazzjoni tat-tul ta' żmien ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija f'kalkoli axxendenti**

Xi miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija jdumu għexieren ta' snin filwaqt li miżuri oħra jdumu għal perjodu ta' żmien iqsar. Il-lista ta' hawn taħt tagħti xi eżempji tat-tul ta' żmien medju ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija:

| | |
|---|---|
| Iżolament ta' loft f' abitazzjoni privata | 30 sena |
| Iżolament ta' ħajt dobblu f' abitazzjoni privata | 40 sena |
| Ħġieġ tal-kategorija E għall-kategorija C (f'$m^2$) | 20 sena |
| *Boilers* – tal-kategorija B sal-kategorija A | 15-il sena |
| Kontrolli tat-tisħin – modernizzazzjoni bil-bdil tal-*boiler* | 15-il sena |
| (Lampi florexxenti żgħar) CFLs – bl-imnut | 16-il sena |

Sorsi: Impenn għall-Effiċjenza ta' l-Enerġija 2005-2008, UK

Sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri kollha japplikaw l-istess tul ta' żmien għall-miżuri simili, dan it-tul ta' żmien ser ikun armonizzat fuq livell Ewropew. Il-Kummissjoni, megħjuna mill-Kumitat maħluq taħt l-Artikolu 16, għandha għalhekk tissostitwixxi l-lista ta' hawn fuq b'lista preliminarja miftiehma bit-tul ta' żmien medju għall-miżuri differenti li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija mhux aktar tard min- 17 ta' Novembru 2006.

5. **Kif isir it-trattament ta' effetti multiplikaturi ta' frankar ta' l-enerġija u kif jista' jiġi evitat il-kalkolu doppju f'metodi ta' kalkolu dixxendenti u axxendenti mħallta**

L-implimentazzjoni ta' miżura waħda li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija, e.ż., l-iżolament tat-tank ta' l-ilma sħun u tal-pajpijiet f'bini, jew miżura oħra b'effett ekwivalenti, jista' jkollha effetti multiplikaturi futuri fis-suq, li jfisser li s-suq jimplimenta miżura awtomatikament mingħajr aktar involviment mill-awtoritajiet jew mill-aġenziji msemmija fl-Artikolu 4(4) jew fornitur minn kwalunkwe settur privat ta' servizzi ta' enerġija. Miżura b'potenzjal multiplikatur fil-maġġoranza tal-każijiet tkun iktar ekonomikament effettiva minn miżuri li jridu jiġu ripetuti fuq bażi regolari. L-Istati Membri jistgħu jistmaw il-potenzjal ta' frankar ta' l-enerġija ta' tali miżuri inklużi l-effetti multiplikaturi tagħhom u jivverifikaw l-effetti totali f'valutazzjoni *ex-post* bl-użu ta' indikaturi fejn dan ikun xieraq.

Fir-rigward ta' l-evalwazzjoni ta' miżuri orizzontali, indikaturi ta' l-użu effiċjenti ta' l-enerġija jistgħu jiġu użati, sakemm ikun jista' jiġi determinat kif kienu jiżviluppaw mingħajr l-użu ta' miżuri orizzontali. Madankollu jrid ikun possibbli li jiġi eskluż, kemm jista' jkun possibbli, li jsir għadd doppju ta' l-enerġija frankati permezz ta' programmi ppjanati ta' l-użu ta' l-enerġija, jew permezz ta' servizzi ta' l-enerġija u strumenti tal-politika oħrajn. Dan jgħodd partikolarment għall-enerġija jew taxxi ta' $CO_2$ u għall-kampanji ta' informazzjoni.

Korrezzjonijiet għandhom isiru għall-kalkolu doppju ta' frankar ta' l-enerġija. L-użu ta' grilji li jippermettu l-kalkolu totali ta' impatti ta' miżuri huwa mħeġġeġ.

Frankar potenzjali ta' l-enerġija li jirriżulta wara l-perjodu ta' mira m'għandux jitqies meta l-Istati Membri jirrappurtaw dwar il-mira totali stipulata fl-Artikolu 4. Miżuri li jippromwovu l-effett għal żmien twil fuq is-suq jridu fi kwalunkwe każ jkunu mħeġġa u miżuri li diġà rriżultaw f'effetti multiplikaturi ta' frankar ta' l-enerġija jridu jitqiesu meta il-miri stipulati fl-Artikolu 4 jiġu rrappurtati, bil-kundizzjoni li dawn jistgħu jitkejlu u jiġu verifikati bl-użu tal-gwida mogħtija f'dan l-Anness.

## 6. Kif għandu jiġi vverifikat l-iffrankar ta' l-Enerġija

Jekk jidher li jkun effettiv, meta mqabbel man-nefqa, u neċessarju, l-iffrankar ta' l-enerġija miksub permezz ta' servizz speċifiku ta' enerġija jew minn miżura oħra li ttejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija għandu jiġi vverifikat minn terza parti. Dan jista' jsir minn konsulenti indipendenti, minn ESCOs jew minn atturi oħra tas-suq. L-awtoritajiet jew aġenziji adattati ta' l-Istat Membru msemmija fl-Artikolu 4(4) jistgħu jagħtu iktar istruzzjonijiet dwar din il-kwistjoni.

Sorsi: *A European Ex-post Evaluation Guidebook for DSM and EE Service Programmes; IEA, INDEEP database; IPMVP, Volume 1* (Verżjoni Marzu 2002).

## *ANNESS V*

Lista indikattiva ta' swieq tal-konverzjoni ta' l-enerġija u swieq sekondarji li għalihom jista' jiġi kkalkulat punt ta' referenza:

1. Is-suq ta' tagħmir domestiku, teknoloġija ta' l-informatika u tad-dawl:

   1.1 Tagħmir tal-kċina (*white goods*);

   1.2 Teknoloġija għad-divertiment/informatika;

   1.3 Id-dawl.

2. Is-suq tat-teknoloġija għat-tisħin domestiku:

   2.1 Tisħin;

   2.2 Provista ta' misħun;

   2.3 Arja kundizzjonata;

   2.4 Ventilazzjoni;

   2.5 Iżolament tas-sħana;

   2.6 Twieqi.

3. Is-suq tal-fran industrijali.

4. Is-suq ta' l-enerġija motorizzata fl-industrija.

5. Is-suq ta' l-istituzzjonijiet tas-settur pubbliku:

   5.1 Skejjel/amministrazzjoni pubblika;

   5.2 Sptarijiet;

   5.3 Pixxini;

   5.4 Dawl fit-toroq.

6. Is-suq tas-servizzi tat-trasport.

*ANNESS VI*

**Lista ta' miżuri eliġibbli għall-akkwist pubbliku li jiffrankaw l-enerġija.**

Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Komunitarja fir-rigward tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-settur pubbliku japplika mill-inqas żewġ ħtiġiet mil-lista li ġejja fil-kuntest ta' l-irwol eżemplari tas-settur pubbliku kif imsemmi fl-Artikolu 5:

(a) ħtiġiet li jikkonċerna l-użu ta' strumenti finanzjarji għall-iffrankar ta' l-enerġija, inkluż l-ikkuntrattar għall-prestazzjoni ta' l-enerġija, li jistipulaw it-twassil ta' frankar ta' enerġija li tista' titkejjel u li hija predeterminata (inkluż fejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi jkunu esternaw ir-responsabbiltajiet tagħhom);

(b) ħtiġiet li jinxtara tagħmir u vetturi bbażati fuq listi ta' speċifikazzjonijiet tal-prodott li huma effiċjenti fl-enerġija ta' kategoriji differenti ta' tagħmir u vetturi li se jitħejjew mill-awtoritajiet jew l-aġenziji msemmija fl-Artikolu 4 (4), bl-użu, fejn applikabbli, ta' analiżi tal-prezz taċ-ċiklu tal-ħajja minimizzat jew metodi komparabbli biex tkun żgurata l-effettività ekonomika;

(ċ) ħtiġiet li jinxtara tagħmir li għandu konsum effiċjenti fl-enerġija f'kull mod, inkluż fil-mod *stand-by*, bl-użu, fejn applikabbli, ta' analiżi tal-prezz taċ-ċiklu tal-ħajja minimizzat jew metodi komparabbli biex tkun żgurata l-effettività ekonomika;

(d) ħtiġiet biex tagħmir u vetturi eżistenti jiġu sostitwiti jew mgħammra bit-tagħmir elenkat fil-punti (b) u (ċ);

(e) ħtiġiet li tintuża verifika ta' l-enerġija u li r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw li jkunu effettivi a paragun tan-nefqa jiġu implimentati;

(f) il-ħtieġa li jinxtara jew jinkera bini, jew parti minn bini, li jagħmel użu effiċjenti mill-enerġija jew il-ħtieġa li tibdel jew tirranġa wara, bini, jew parti minn bini, mixtri jew mikri, biex dan jagħmel użu aktar effiċjenti mill-enerġija.